**8 ta’ Marzu**

**Tifkira ta’**

S. ĠWANN TA’ ALLA, RELIĠJUŻ

Twieled il-Portugal fl-1495; wara ħajja mwiegħra ta’ suldat, fittex ħwejjeġ aħjar billi ngħata kollu kemm hu għas-servizz tal-morda. Huwa waqqaf sptar fi Granada, Spanja, u miegħu sieħeb oħrajn li mbagħad waqfu l-Ordni Ospidalier ta’ S. Ġwann ta’ Alla. Il-qdusija tiegħu dehret l-iżjed fl-imħabba għall-foqra u l-morda. Miet fi Granada fl-1550.

Mill-Komun tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi.... jew għal dawk li għamlu opri ta’ ħniena...

**Fit-Tifħir ta’ sbiħ il-jum**

Ant. tal-kant. ta’ Żakkarija Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi: jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom.

Talba

O Alla, inti tajt lill-qaddej tiegħek San Ġwann qalb kollha ħniena għall-proxxmu; nitolbuk biex, b’għemejjel ta’ mħabba, jistħoqqilna nissieħbu mal-magħżulin tiegħek fis-saltna tas-sema. B’Ibnek.

**Fil-Għasar**

Ant. tal-kant. ta’ Marija Tassew, ngħidilkom, kemm għamiltu ma’ wieħed minn dawn iż-żgħar tiegħi, għamiltuh miegħi. Ejjew, mberkin minn Missieri, ħudu b’wirt tagħkom is-saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja.